MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 740/2008

**GO plc (C-22334)**

**vs**

**Elmasri Mohammed**
**(ID-375491-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta` Ottubru, 2008, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Euro854.04c rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` servizz telefoniku li jgib in-numru 21237736 (AC 10063966) kif jirrizulta minn dokumenti annessi u mmarkati Dok. IZY 1 u IZY 2.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u

biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tad-9 ta` Jannar, 2009, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u ezamina d-dokumenti ezebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro854.04c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------